# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.g

Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

Is-Seba’ Legislatura
Laqgħa Numru 14/2017

18 ta' Diċembru 2017

Il-Kunsill Lokali ta’ Ħal Safi ltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f’40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fit:5:30 pm.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Johan Mula: | Sindku |
| Francis Callus | Viċi Sindku |
| Carlo Stivala | Kunsillier |
| Joanna Abdilla | Kunsillier |
| Publio Abdilla | Kunsillier |

Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Doris Baldacchino | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

Minuti:

14.1 Qari tal-ittri ta’ Apoloġiji

Ma kienx hemm qari ta' ittri ta' apoloġiji.

14.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti

14.2.1 Il-kunsilliera qablu fuq il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv.

14.2.2 Is-Sindku qal illi rigward ref punt 13.2.4 konna ktibna lis-Sur Hickey bil-deċiżjoni tal-Kusill pero ma kienx għadu rrisponda.

14.2.2 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi ref 13.2.8 fi Triq tal-Palma kien qiegħed jipparkja vann fil-kantuniera. Is-Sindku qal illi din il-problema ser tkun diskussa aktar tard fil-laqgħa.

14.2.3 Il-Viċi Sindku qal illi ref punt 13.2.5 li veru li l-problema ilha hemm pero' l-persuna nteressata li tinżel fix-xelter qiegħda tagħmel teżi fuq it-twelid u li kienet tixtieq tidħol fix-xelter immedjatament. Il-Kunsill qabel illi għandna ntuha l-permess li tinżel pero' qabel għandha tibgħat il-Kunsill il-konferma bil-miktub li ser tinżel għal riskju tagħha u mportanti li taf x'jistgħu ikunu l-konsegwenzi.

14.2.4 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet illi d-data tal-party tal-Milied kellna nbidluha għaliex kienet ser taħbat mal-party tat-tfal tal-mużew. Issa l-party ser isir nhar is-Sibt 30 ta' Diċembru 2017.

14.2.5 Is-Sindku saqsa lill-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla jekk kinitx ikkuntatjat lil Lee Seychell minħabba l-attivita' tal-karozzi. Hija kkonfermat li kellha tkellmu.

14.2.6 Is-Sindku qal illi ref punt 13.3.5 kien ser ikun hemm follow up meeting nhar l-Erbgħa 20 ta' Diċembru 2017.

14.2.7 Is-Sindku staqsa rigward l-inizjattiva favur il-Food Bank. Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi l-ikel għal persuni fil-bżonn ser jinġabar imbagħad il-Ħadd 24 ta' Diċembru kellha ttellagħhom hija l-Belt.

14.2.8 Is-Sindku qal illi ref punt 13.5.3 fil-fatt konna kellimna lil kappillan u kien updatjalna il-lista tan-nies housebound.

14.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

14.3.1 Is-Sindku qal illi bi pjaċir jgħid li l-applikazzjoni tal-Miżura 4.3 favur asfaltar tat-toroq rurali kienet ġiet aċċettata u għalhekk konna ħadna l-fondi mill-Unjoni Ewropea sabiex isir l-asfaltar ta' Triq San Tumas. Is-Sindku kkonferma wkoll illi t-triq ta' Ball li tagħti għal triq Ħal Far kienu applikaw għaliha Transport Malta u kienet ser ssir ukoll taħt l-istess skema. Il-ħlas għal din it-triq ser isir permezz ta' 90% fondi mill-Unjoni Ewropea u 10% mill-fondi tal-Kunsill.

14.3.2 Is-Sindku qal illi l-applikazzjoni tagħna għar-restawr tal-faċċata taċ-Ċentru Parrokjali kienet ġiet aċċetata wkoll. L-applikazzjoni tagħna kienet waħda mis-sitt applikazzjonijiet li ġew magħżula. Ix-xogħol kollu għal dan ir-restawr ser isir minn Restoration Unit.

14.3.3 Is-Sindku qal illi issa x-xogħol fi Triq tal-Palma kien lest u li għandu jiġi l-Perit sabiex jiċċertifika x-xogħol sabiex ikun jista' jsir il-ħlas. Huwa qal ukoll li hekk kif kellhom l-iscarifier konna neħħejna l-sleeping polic li kien hemm fi Triq il-Feniċi. Il-Kunsill kollu qabel illi l-sleeping police kienet għolja wisq u għalhekk kellha titbaxxa.

14.3.4 Il-Viċi Sindku saqsa jekk kif ikun qiegħed isir l-asfaltar ta' Triq ta' Gnien ta' Ball jekk hux possibli li titwessa' t-triq wara Gnien ta' Ball. Is-Sindku qal illi peress li kienu fondi mill-Unjoni Ewropea rridu naraw x'jista' jsir.

14.3.5 Is-Sindku qal illi kien ħareġ ir-rapport tal-Awdituri pero' Ħal Safi ma ssemma xjen ħlief fil-posittiv u li l-Kunsill kien wiehed fost il-ftit Kunsilli li rregistra Surplus fil-finanzi. Is-Sindku ukoll ta rapport tal-laqgħa tas-Sindki li kienet saret Għawdex nhar il-Ġimgħa u s-Sibt 15 u 16 ta' Diċembru 2017.

14.3.6 Is-Sindku qal illi kien tkellem mas-Sindku ta' Ħal Kirkop u qablu sabiex issir it-talba sabiex ir-rapreżentant li tiġi mill-uffiċini tas-Sigurta' Soċjali flok tiġi darba fil-ħmistax għal erba' sigħat tinbidel għal darba fil-ġimgħa għal sagħtejn iż-żewġ kunsilli. Għalhekk kull nhar ta' erbgħa ikollna rapreżentant mit-8:00am sal-10:00 fil-Kunsill ta' Ħal Safi  u wara tmur għal sagħtejn oħra (ie mill-10:00 sa nofsinhar) il-Kunsill ta' Ħal Kirkop.

14.3.7 Is-Sindku qal illi kien irċieva lment illi t-Triq tal-Palma xi hadd kien qiegħed jipparkja van fil-kantuniera li kważi jmiss mal-gallarija. Il-Kunsill qabel unanimament illi għandna nagħmlu double yellow lines fil-kantuniera.

14.3.8 Is-Sindku qal illi kien tkellem mal-officer fuq l-area tagħna sabiex bejn is-7:00am u d-9:00 am jkun hemm warden ħdejn il-convenience store fi Triq iż-Żurrieq. Għal issa l-warden kien ser imexxi biss il-karozzi mill-kantuniera pero' l-quddiem kienu ser jibdew jingħataw il-multi. Is-Sindku qal ukoll illi konna rċievejna suġġeriment mingħand is-Sur John Abdilla sabiex Triq Dun Karm Lia ssir temporarjament One Way (karozzi jkunu jistgħu jitilgħu biss). Il-Kunsill ma qabilx ma din il-proposta pero' qabel li l-quddiem meta titlesta t-triq il-Kunsill jikkonsidra jagħmilx xi ħaġa.

14.3.9 Is-Sindku qal li kien kellmu s-Sur Joe Abdilla ta' Travel Solutions li qiegħed iġib it-turisti jżuru Ġnien Sir Alexander Ball. Is-Sindku qal li s-Sur Abdilla s-sena d-dieħla bejn April u Ġunju u bejn Settembru u Diċembru ser iġib numru kbir ta' turisti, u kien qiegħed jieħu stimi fejn ikun jista' joffri ikla  filgħaxija għall-istess turisti. Is-Sindku qal ukoll illi hu tal-fehma li l-Kunsill jista' jikri s-sala għal dan il-għan u ssuġerixxa illi peress li dawn l-ikliet ser ikunu spissi għandna nagħtu skond fuq il-prezz ta' 200 Euros. Il-Kunsill qabel illi għandna nikru s-sala tal-Kunsill għal prezz ta' 150 Euros kull darba.

14.3.10 Is-Sindku qal illi rċieva lment li Triq San Pawl kantuniera ma Triq San Gwann hemm double yellow lines li qiegħdin il-fuq ħafna. Din l-istess persuna kienet qabdet u żebgħet id-double yellow lines biż-żebgħa sewda. Il-Kunsill qabel illi għandna naraw kemm għandhom ikunu dawn id-double yellow lines u jekk m'humiex sew nirranġawhom.

14.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

14.4.1 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi d-dwal ta' ħdejn iċ-ċimiterju ilhom żmien kbir ma jixegħlu. Is-Sindku kkonferma li l-Enemalta kienu rranġawhom.

14.4.2 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi kienet avviċinatha persuna li tagħmel xi classes bħala terapija għal persuni bil-parkinsons disease u l-carer li tieħu

ħsiebha. Din il-persuna talbet sabiex tagħmel użu tas-sala sabiex tkun tista' tagħmel dawn il-classes fil-Kunsill tagħna. Il-Kunsill qabel illi għandna nitolbuha tagħmel din it-talba bil-miktub u nitolbuha aktar informazzjoni.

14.4.3 Il-Kunsillier is-sur Carlo Stivala qal illi kien attenda għal Malta Olympic Awards, u bħala awards dejjem jittieħdu minn Kunsill kbar għal kobor tagħhom. Huwa qal illi jħoss illi meta jikkonsidra l-attivitajiet li nagħmlu aħna fiċ-ċokon tagħna, kważi nagħmlu aktar minnhom, u allura għandna nagħtu aktar pubbliċita' meta nagħmlu xi inizjattiva fejn jidħol l-isports.

14.4.4 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi fi Triq Qerd in-Naħal int u tiela lejn Triq ta' Ġawhar ma tezistix splay. Is-sindku qal illi għalhekk is-*central strip* tan-nofs tbaxxiet

14.4.5 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi ż-żebbuġa li hemm fi Triq iż-Żurrieq weqqgħet ħafna żebbuġ taħtha u għandha tinkines.

14.4.6 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa jekk bankina li tkun baxxa minħabba f'garaxx għandiex terġa' tgħola meta issir residenza minflok il-garaxx.

14.5 Performance Appraisal tal-Impjegati tal-Kunsill

Is-Sur Carlo Stivala kien skużat mil-laqgħa fis-7:16pm.

I4.5.1 Is-Sindku qal illi mis-sena l-oħra l'hawn impjegata numru 1 immiljorat mhux ħażin u qiegħda tikkopera fix-xogħol, pero' xorta jemmen illi l-Kunsill m'għandux jagħti l-full performance minn din is-sena. Is-Sindku qal ukoll illi jekk is-sena d-dieħla tkun sena oħra bla skossi allura mbagħad wieħed għandu jikkonsidra li jtiha l-full performance. Is-Sindku qal li għal din is-sena jemmen illi l-istess impjegata għandha tieħu 4% tal-performance bonus. Il-Kunsill qabel unanimament.

14.5.2 Is-Sindku qal illi rigward impjegata numru 2, xogħol qiegħed jagħmlu tajjeb ħafna u għalhekk jħoss illi l-Kunsill għandu jagħtih il-full performance bonus ta' 6% anki biex jkompli jinkoraġġih fit-triq li qiegħed. Il-Kunsill qabel unanimament.

Is-Sur Carlo Stivala reġa' lura għal laqgħa fis-7:22pm

Is-Sindku qal lill-Kunsillier s-Sur Carlo Stivala x'kienet id-deċiżjoni tal-Kunsill fir-rigward il-performance appraisal tal-impjegati. Il-Kunsillier is-Sur Carlo Stivala qabel mal-kunsillier.

14.6 Update – Tender tal-Bulky Refuse.

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet illi kienet bagħtet ir-rakkommandazzjoni sabiex Offerta numru 1 tieħu l-kuntratt għal Bulky Refuse. Hija spjegat ukoll illi bħal issa konna qiegħdin f'stand still period li kien jagħlaq l-għada tal-laqgħa u jekk ma jkunx sar l-ebda appell jkun imiss illi navżaw lil kuntrattur li kien ser jieħu l-kuntratt. Il-Kunsill qabel illi għandna nkomplu mexjin bil-proċess tat-tender.

14.7 Bye-Law (Ġħamara fit-Toroq)

Id-deputat Segretarju Eżekuttiv qalet illi issa l-Bye Law tal-Għamara fit-toroq ġiet konkluża minn naħa tad-Dipartiment u li kienet ġabet l-avviżi fil-gażżetta tal-Gvern u f'żewġ gażżetti lokali. Hija qalet ukoll illi sa l-aħħar ta' Jannar din il-Bye-Law kellha tkun lesta minn kollox.

14.8 Extension tal-Ħatra tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv

Is-Sindku qal illi kien reġa' għadda ż-żmien sabiex isir l-extension tal-Ħatra tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsill approva l-extension tal-Ħatra tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv għal tlett xhur oħra.

14.9 Proġetti Bankini (skema Reġjun Nofsinhar)

Is-Sindku qal illi r-Reġjun Nofsinhar kien għadu kemm ħareġ skema fejn kull kunsill ser jingħata €5000 sabiex jirranġa jew inkella jagħmel mill-ġdid bankini. Is-Sindku qal li kien diġa' tkellem ma wieħed mill-ħaddiema sabiex naraw liema l-aktar bankini qiegħdin fi stadju ħażin sabiex isiru mill-ġdid. Is-Sindku qal ukoll li diġa' kellu xi suġġerimenti ta' toroq fosthom Triq Ħlantun waqt li l-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li għandna Triq San Ġwann int u sejjer lejn il-Lidl li hija triq mingħajr bankina.

Il-Vici Sindku is-Sur Francis Callus kien skużat mil-laqgħa 7:35pm

14.10 Mozzjoni 001/17 Bdil ta' Isem ta' Triq

Il-Kunsill qabel illi għandna nistennew lis-Sur Francis Callus sabiex jirritorna fil-laqgħa.

Il-Vici Sindku s-Sur Francis Callus daħal lura għal laqgħa 7.37pm

Il-Kunsilliera Joanna Abdilla qrat il-mozzjoni illi kienet resqet, issekondata mill-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla.

Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li din kienet talba li diga' konna ddiskutejniha, u jħoss li għandu jkun hemm qbil għaliex Pietru Pawl kien maħbub minn kulħadd. Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal ukoll li jħoss li wasal iż-żmien li l-Kunsill jibda bil-proċeduri sabiex Triq Il-Kuċċard tinbidel u ssir Triq Pietru Pawl Busuttil.

Is-Sindku qal illi meta tressqet din it-talba u ġiet diskussa waqt il-laqgħa tal-Kunsill – ma kienx hemm oġġezzjoni li nsemmu triq għal Pietru Pawl Busuttil iżda l-Kunsill ma qabilx li din għandha tkun Triq il-Kuċċard. Is-Sindku qal li kien jistenna li fil-mozzjoni ma terġax tkun imsemmija l-istess triq.

Is-Sindku qal ukoll illi mir-residenti li jgħixu fi Triq il-Kuċċard kien hemm min ma ffirmax u anki kien hemm min iffirma bla ma kien jaf li jrid ibiddel l-I.D. Card. Huwa qal li bdil ta' isem ta' triq huwa ferm diffiċli li jigi accettat mill-Istreet Naming Committee għaliex tkun qed toħloq inkonvinjent lin-nies.

Is-Sindku qal li kien ser iressaq emenda għal mozzjoni li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku s-Sur Francis Callus.

Is-Sindku emenda l-mozzjoni billi qal illi għandha titneħħa t-triq msemmija cioe Triq il-Kuċċard u tidħol li l-Kunsill jaqbel illi fil-futur xi triq f'Ħal Safi, preferebbilment triq ġdida u mingħajr isem ghandħa tissemma Triq Pietru Pawl Busuttil, Sindku wara li ssir konsultazzjoni mar-residenti tat-triq (jekk ikun il-kas) u mal-Kumitat tat-tismija tat-toroq.

Il-Kunsill ivvota għal din l-emenda:

- Is-Sindku vvota Favur
- Il-Viċi Sindku vvota Favur
- Il-kunsilliera Joanna vvutat Abdilla Kontra
- Il-Kunsillier Carlo Stivala vvota Favur
- Il-Kunsillier Publio Abdilla vvota Kontra

L-emenda għal din il-mozzjoni għaddiet bi tlett voti kontra tnejn, u għalhekk l-Kunsill ivvota għal din il-mozzjoni emendata:

- Is-sindku vvota Favur
- Il-Viċi sindku vvota Favur
- Il-kunsiliera Joanna Abdilla vvutat Kontra
- Il-Kunsillier Carlo Stivala vvota Favur
- Il-Kunsillier Publio Abdilla vvota Kontra

Il-Mozzjoni għaddiet bi tlett voti kontra tnejn.

14.9 Korrispondenza

14.9.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qrat ittra li rċieva l-Kunsill mingħand is-Sur Raymond Zammit. Il-Kunsill qal li dan l-ilment diġa' kien diskuss waqt laqgħat oħra u ma jħossx li għandha tinbidel din il-bankina.

14.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

Il-pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

14.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa intemmet fit-8.35pm. Laqgħa li jmiss ser nhar l-Erbgħa 17 ta' Jannar fil-6:00pm.

Johan Mula<br>Sindku

Doris Baldacchino<br>Deputat Segretarju Eżekuttiv